MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 269/2008

PULIZIJA
SPETTUR EDMOND CUSCHIERI
SPETTUR ROBERT VELLA
VS
FRANCIELLE ELLUL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Francielle Ellul, bint Martin u Miriam nee' Magro, imwielda nhar it-3 ta' Dicembru 1984 fil-Pieta', residenti '10' Triq l-Arkata, Paola u detentrici ta' karta ta' l-identita numbru 21385(M).

U akkuzata talli; fis-27 ta' Marzu 2008 f'xi hin matul il-gurnata gewwa l-Isptar Mater Dei, Birkirkara By-Pass, Msida, kienet ikkommettiet serq ta' Cashlink Card mahruga mill-BOV, f'isem Maria Rosaria Bonnici liema serq huwa aggravat bil-persuna (Art.268)

U akkuzata ukoll talli; nhar is-27 u 28 ta' Marzu 2008 f'diversi hinijiet u postijiet differenti f'dawn il-gzejjer ikkomettiet serq bl-istess Cashlink Card li jammonta ghal 861.04 Euro liema serq huwa aggravat bil-valur ta' aktar minn 232.94 Euro izda anqas minn 2562.31 Euro ghad-dannu ta' Marisa Rosaria Bonnici (Art.267).

U akkuzata wkoll talli; fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-isktrittura jew fil-firem, billi halqet pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz min obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe l-Cashlink card tal-BOV u dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar akkuzata talli; fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skritturi foloz, jigifieri Cashlink card u dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi weriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, ghamilt qliegh ta' 861.04 Euro ghad-dannu ta' Maria Rosaria Bonnici u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn document falsifikat u cioe minn Cashlink Card mahruga minn awtorita' pubblika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.5) u dik ta' l-imputata (a fol.6) sabiex il-kas jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta' l-imputata;

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni taghha il-Qorti issib l-imputata hatja skond l-akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena tal-hames u s-sitt akkuza u wara li rat Artikoli 261, 268, 267, 184 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kap.446 tqieghed lill-imputata taht probation order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Porbation Services, jew Probation Officer iehor minnu nnominat u dana ghal perijodu ta' sentejn. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputata hija 'a first offender' illi rregistrat l-ammissjoni bikrija u halset is-somma intera lil kwerelanti Bonnici fil-presenza ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------